A.L. 150 ta' l-2004

ORDINANZA DWAR IL-MEDIĊINI PERIKOLUŻI (KAP. 101)

Regoli ta' l-2004 li jemendaw ir-Regoli dwar Sustanzi wżati għall-Manifattura Illeċita ta' Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 22 (1D) (b) ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regoli li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2004 li jemendaw ir-Regoli dwar Sustanzi wżati għall-Manifattura Illeċita ta' Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli ta' l-2003 dwar Sustanzi wżati għall-Manifattura Illeċita ta' Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali".

A.L. 279 ta' l-2003.

Jemenda r-regola 4 tar-regoli prinċipali.

2. Ir-regola 4 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:–

(a) minflok is-subregola (1) tagħha, għandu jidħol dan li ġej:–

"(1) Ħadd ma jista' jagħmilha ta' operatur ta' sustanzi elenkati:

(a) taħt Kategorija 1 tat-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza kemm-il darba ma jkollux liċenza maħruġa mis-Suprintendent u jkun irreġistra l-post għand is-Suprintendent, jew

(b) taħt Kategorija 2 tat-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza kemm-il darba ma jkunx irreġistra u aġġorna lis-Suprintendent bl-indirizzi tal-post minn fejn huwa jopera."; u

(b) minflok is-subregola (3) tagħha, għandu jidħol dan li ġej:–

"(3) Kull operatur li jkollu liċenza msemmija fil-paragrafu (a) tas-subregola (1) ta' din ir-regola, għandu jforni sustanzi skedati speċifikati f'Kategorija 1 tat-Tabella I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza.".